## SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

**Form 4** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

ISEM: ______________________________ KLASSI: __________

**Sezzjoni A** **(10 marki)**

**Agħżel it-tweġiba t-tajba u aqta' linja taħtha.**

1. Il-lingwi oriġinali tal-Bibbja huma
   - a .Lhudi u Grieg
   - b. Lhudi u Latin
   - ċ. Ingliż u Malti
   - d. Latin u Taljan

2. It-traduzzjoni tal-Bibbja li nużaw fil-Quddiesa hija dik ta'
   - a. Mikiel Anton Vassalli
   - b. L-Għaqda Bibblika
   - ċ. Mons. Dun Karm Psaila
   - d. Mons. Pietru Pawl Saydon

3. Fl-Istorja tas-Salvazzjoni l-akbar re ta' Iżrael huwa
   - a. Sawl
   - b. David
   - ċ. Nabukadnessar
   - d. Ċiru

4. Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li nebbħet lill-Awturi tal-Bibbja biex jiktbu bla żbalji tissejjaħ
   - a. Pentatewku
   - b. Ispirazzjoni
   - ċ. Eżodu
   - d. Torah

5. Il-lista tal-Kotba tal-Bibbja li huma ispirati nsibuha
   - a. fil-Kanoni
   - b. fil-Koran
   - ċ. fl-Antik Testment
   - d. f'San Ġwann

6. L-ewwel ktieb tal-Bibbja huwa
   - a. l-Apokalissi
   - b. il-Ġenesi
   - ċ. Adam
   - d. it-Talmud

7.Il-kelma Mosè tfisser
   - a. Il-Midluk
   - b. il-Mexxej
   - ċ. Salvat mill-ilma
   - d. il-gwerrier

8. Liema minn dawn il-kliem tfisser "Twemmin bla raġuni"
   - a. Fanatiżmu
   - b. Superstizzjoni
   - ċ. Enċiklika
   - d. Rinkarnazzjoni

9. Il-Moviment li permezz tiegħu l-Knejjes mifrudin jersqu lejn xulxin biex ifittxu l-għaqda fi Knisja waħda jissejjaħ
   - a. Ekonomiku
   - b. Ekumeniku
   - ċ. Ekoloġiku
   - d. Ekkleżjali

10. L-Ispirtu s-Santu jagħti d-don lill-Papa u lill-Knisja biex ma jiżbaljax fi problemi ta' morali u duttrina Kattolika u dan jissejjaħ
   - a. Ċelibat
   - b. Infallibilità
   - ċ. Ġerarkija
   - d. Tmexxija

**Sezzjoni B: Fisser dawn il-kelmiet** **(18–il marka)**

1. Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu ______________________________

2. Il-Ħadd: Jum il-Mulej ______________________________

3. Il-Pentekoste ______________________________

4. Parabbola ______________________________

5. Il-kotba "Apokrifi" ______________________________

6. Il-Patt tas-Sinaj ______________________________

7. L-Eżodu ______________________________

8. L-Eżilju ______________________________

9. Il-Konċilju Vatikan II ______________________________

**Sezzjoni Ċ: Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet** **(16-il marka)**

1. Semmi żewġ personaġġi importanti fl-Istorja tas-Salvazzjoni.

   ______________________________

2. Agħti eżempju ta' fanatiżmu.

   ______________________________

3. Għaliex it-twemmin fl-oroskopju huwa ħażin?

_______________________________________________

4. Semmi żewġ kotba mill-Pentatewku.

_______________________________________________

5. Min kien Charles de Foucauld?

_______________________________________________

6. Semmi żewġ mistoqsijiet li kull bniedem jagħmel lilu nnifsu, u hija biss ir-reliġjon li tagħtik tweġiba għalihom.

_______________________________________________

7. Kemm insibu kotba fil-Bibbja? Kif jinqasmu?

_______________________________________________

8. Semmi żewġ sinjali kif Alla għen lill-Poplu Lhudi fid-deżert.

_______________________________________________

**Sezzjoni D: Ikteb VERU jew FALZ wara kull sentenza (10 marki)**

1. Il-ktieb tas-Salmi huwa l-ewwel ktieb tat-Testment il-Ġdid. ____________
2. Ġesù jwissina biex qabel kollox nieħdu ħsieb ruħna. ____________
3. Il-messaġġ tal-Bibbja huwa li Alla jħobb il-bniedem. ____________
4. It-Testment il-Ġdid jibda bl-Eżodu. ____________
5. Fil-Bibbja irridu nfittxu l-messaġġ reliġjuż. ____________
6. Il-mirakli ta' Ġesù kienu xhieda tal-qawwa ta' Alla fih. ____________
7. L-Omelija issir fl-aħħar tal-quddiesa. ____________
8. Fil-Ġisem Mistiku Kristu huwa r-Ras ta' dan il-Ġisem. ____________
9. Il-fidi u r-raġuni m'għandhomx bżonn xulxin. ____________
10. Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu hija l-Knisja. ____________

**Sezzjoni E: Agħżel TNEJN minn dawn il-mistoqsijiet u wieġeb fit-tul fuq il-karta pprovduta. Kull mistoqsija għandha 23 marka għal total ta' 46 marka.**

1. Alla jsejħilna biex bħal Ġesù inkunu qaddisin.
   a) Irrakkonta mill-Vanġelu miraklu fejn naqraw li Ġesù kien iħobb lill-ħabib tiegħu Lazzru u beka l-mewt tiegħu.
   b) Ġesù kien mhux biss bniedem iżda Alla ukoll. Agħti żewġ eżempji tas-setgħa speċjali li kellu Ġesù (Fejqan, tema' lil min hu bil-ġuħ).
   ċ) Santu Wistin, Injazju ta' Loyola u Charles de Foucauld. Dawn il-persuni meta skoprew lil Ġesù biddlu ħajjithom.
   Irrakkonta l-istorja ta' wieħed minnhom.
   d) Għid kif inti tista' tgħix bħal Ġesù u tgħix għalih fil-ħajja tiegħek. Agħti żewġ eżempji.

2. Il-Bibbja tgħinna nersqu lejn Alla u nitolbu.
   a) Irrakkonta kif Alla permezz ta' Mosè salva lill-Poplu Lhudi mill-jasar ta' l-Eġittu.
   b) Uri kif Alla nebbaħ 'l-Awturi tal-Bibbja biex jiktbuha. X'irridu nfissru meta ngħidu li l-Bibbja hi ktieb bla żbalji f'dak li hu tagħlim reliġjuż u mġiba tajba?
   ċ) Ikteb dak kollu li taf dwar it-traduzzjoni tal-Bibbja mil-lingwi oriġinali għall-Malti.
   d) (i) Uri kif il-Bibbja tgħinek fit-talb tiegħek personali.
      (ii) Uri ukoll kif il-Knisja tuża l-Bibbja fit-talb uffiċjali (fil-Liturġija) tagħha.

3. Alla ħalaq kollox sewwa. Kien id-dnub li ħassar il-pjan t'Alla.
   a) Fil-Ġenesi nsibu l-Istorja tal-ħolqien. Uri kif Alla ta dan il-ħolqien f'idejn il-bniedem biex jieħu ħsiebu.
   b) Għid għaliex m'għandux ikun hemm kontradizzjoni bejn dak li tgħid il-Bibbja u dak li tgħid ix-xjenza.
   ċ) Minn mindu li daħal l-ewwel dnub fid-dinja l-bniedem baqa' jidneb kontra :
      (i) Alla,
      (ii) l-bnedmin l-oħra,
      (iii) in-natura.
      Spjega kif dan għadu jsir illum.
   d. Għid kif inti tista' tingħaqad iżjed ma' Alla u ma' l-oħrajn u kif tista' tieħu iktar ħsieb il-ħolqien.

4. Ġesù jfittex u jilqa' l-midinbin.
   a) Irrakkonta l-ġrajja tal-mara li nqabdet fl-adulterju.
   b) Uri kif permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni aħna nerġgħu ningħaqdu ma' Alla u ma' l-oħrajn.
   ċ) Xi tfisser ikollok indiema. Agħti żewġ eżempji.
   d) Il-Papa Ġwanni Pawlu II ħafer lil min sparalu. Lil min jagħmillek il-ħsara, wara li taħfirlu, inti x'tista' tagħmillu iżjed bħala Nisrani?